# Office of the Regulator

## Granting of Citizenship for Exceptional Services

# *Jiltaqa' l-Kumitat ta' Monitoraġġ għat-tmien darba*

28 ta' Marzu 2023

It-tmien laqgħa tal-Kumitat ta' Monitoraġġ imwaqqaf sabiex jagħmel monitoraġġ fuq it-tħaddim tal-Programm għall-Għoti taċ-Ċittadinanza b'naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali (GħĊSE), kif ukoll f'termini tal-programm preċedenti, jiġifieri l-Programm ta' Investitur Individwali (PII) saret nhar is-27 ta' Marzu 2023. Dan il-Kumitat twaqqaf skont id-dispożizzjonijiet tal-Artiklu 25B tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap 188) u huwa kompost mill-Prim Ministru l-Onor Dott. Robert Abela (li jippresedieh), il-Ministru responsabbli mill-affarijiet relatati maċ-Ċittadinanza Maltija l-Onor Dott Byron Camilleri u l-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor Dott Bernard Grech, kif ukoll is-Sur Carmel L Dr Gabriele, Regolatur GħĊSE, li wkoll attenda din il-laqgħa.

Matul il-laqgħa, ir-Regolatur, is-Sur Carmel L De Gabriele, ta preżentazzjoni dettaljata dwar ir-rwol u l-funzjonijiet tiegħu bħala Regolatur fih inniffsu kif imniżżel fl-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija flimkien ma' ġabra fil-qosor tal-attivitajiet imwettqa mill-Uffiċċju tiegħu speċifikament matul il-perjodu li dwaru jitkellem dan it-Tmien Rapport Annwali b'konnessjoni diretta ma' tali rwol u funzjonijiet kif ukoll ħarsa ħafifa dwar kif mexa l-Programm (PII) innifsu, kif ukoll kif marret l-iskema l-ġdida (GħĊSE) fil-perjodu ta' tnax-il xahar bejn Jannar u Diċembru 2021.

Il-preżentazzjoni tas-Sur De Gabriele, kif imressqa fil-Laqgħa tal-Kumitat tal-Monitoraġġ, fl-essenza tagħha kienet ibbażata fuq ir-Rapport Annwali tiegħu li ser jiġi ppubblikat fil-ġranet li ġejjin u li ser ikun it-tmien wieħed fis-serje ta' Rapporti Annwali simili. Din hija l-ewwel darba minn meta beda l-programm li r-Rapport Annwali tar-Regolatur ser ikopri sena **kalendarja** sħiħa ta' tnax-il xahar minn Jannar sa Diċembru u mhux sena li tibda mill-1 ta' Lulju ta' sena partikolari u li tagħlaq fit-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara kif kien il-każ sas-Sitt Rapport Annwali. Is-Seba' Rapport Annwali kien kopra l-perjodu ta' tmintax-il xahar, minn Lulju 2019 sa Diċembru 2020. Madankollu, id-dejta u l-istatistika mportanti kollha li qabel kienu ġew ippubblikati fid-diversi rapporti annwali għall-perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Lulju u jispiċċaw fit-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara ġew konvertiti fi snin kalendarji għal skopijiet ta' tqabbil.

Fil-laqgħa tas-seba' kumitat ta' monitoraġġ f'Jannar 2022, is-Sur De Gabriele kien diġà aġġorna fuq fuq lill-Kumitat b'ċerta statistika vitali li tidher fl-imsemmi rapport, liema aġġornamenti kienu b'riferenza diretta għall-perjodu 1 ta' Jannar 2021 sat-30 ta' Novembru 2021. Fil-laqgħa tas-27 ta' Marzu 2023, huwa ta ħarsa ġenerali sħiħa tas-sena kollha, li issa ser tifforma uffiċċjalment parti mit-tmien Rapport Annwali.

Huwa mistenni li, fi żmien qasir, titqiegħed kopja ta' dan it-Tmien Rapport Annwali fuq il-Mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti, skont id-dispożizzjonijiet tas-sub Artikolu 9 tal-Artikolu 25 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, u, wara dan, jinħareġ uffiċċjalment b'mod pubbliku kif ukoll riprodott onlajn fuq il-*portal* tal-Uffiċċju tar-Regolatur.